

# Aktar Skoperti .....ta' Manueli

*Kitba ta'* **Salvator Mousù**

Li kieku wieħed kellu jsemmi dak kollu li jippossiedi s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa niddubita jekk ktieb ikunx biżżejjed. Dawn illum qegħdin fil-parti l-kbira esibiti sew u parti mill-mertu ta' dan żgur li tmur għal għand Manuel, flimkien ma' sħabu, li b'paċenzja u perseveranza ġabar u issistema kull ma sab, mill-iċken rikordju sa l-akbar Ex-Voto. Dawn tqassmu b'metodu u b'sengħa u fejn kien jeħtieġ qatagħhom minn mal-ħitan sabiex jifridhom mill-possibilta' ta' xi umdità.

Ma ntrema xejn, u anke l-aktar stampa jew santa umli li f'għajnejna ma tiswa xejn, kollox ġie espost u għandi għax naħseb katalogat. Naturalment l-ispazju huwa limitat u għalkemm bosta qegħdin fil-għoli imma għallinqas qegħdin hemm. Min jaf kemm minnhom forsi inqraw jew intwerew għall-ewwel darba wara tant snin imwarrbin u allura nistgħu wkoll inqisuhom bħala skoperti, żgħar kemm huma żgħar!

Intant mela, barra mis-sistemazzjoni tal-mijiet ta' tifkiriet kellna s-sistemazzjoni tas-souvenirs li, jekk ma humiex rikki fil-materjal tagħhom, fihom valur storiku u oħrajn artistiku. Illum wara tant snin merfugħin f'kaxxi Manuel sabilhom post bil-wisq aktar visibbli, xieraq u attraenti. Wieħed mill-ewwel jifhem, nispera, li hawn qed nitkellmu prinċipalment dwar l-ewwel għar fuq ix-xellug tas-Santwarju mill-faċċata ta' barra fejn, fost ħwejjeġ oħra, Manuel kixef il-qoxra tal-blat oriġinali - l-unika naħa li għadha, forsi, kif ħalaqha Alla l-Imbierek.

U minn dak naturali ngħaddu għal dak li huwa xogħol il-bniedem fejn Manuel poġġa vetrina oriġinali u interessanti f'nofs dis-sala-għar biex wieħed jista' jdur magħha bil-kumdità. Din turina, l-aktar lil dawk li ilhom ma jżuru hawnhekk, għall-ewwel darba diversi opri artistiċi li fil-parti kbira kienu jintużaw għall-kult divin. Ma setax jonqos li anke' l-memorja tal-vista indimentikabbli tal-Papa preżenti ma tkunx imfakkra mal-ħajt l-ieħor ta' dan l-istess għar.

Skoperta oħra ta' Manuel hi l-fossa kwadrata li għal tant snin, jekk mhux sekli, kienet isservi biex fiha ntrema skart, terrapien u xi għadam. Din tnaddfet u tqaxxret u minn ġo ħġieġa poġġuta apposta fl-art wieħed jista' jara sal-qiegħ, donnu rifless tas-saqaf ta' l-għar. Ta' min isemmi hawnhekk li ġejt mgħarraf li xi ftit mill-għadam tal-fossa tal-kuridur li semmejna s-sena l-oħra ttieħed għall-istudju u ninsabu ħerqana nistennew ir-rapport dwaru.

Hekk kif inkunu ħerġin minn ġol-kuridur lejn is-sagristija, fuq ix-xellug tagħna ma nistgħux ma narawx fetħa mdaqqsa li tispiċċa fil-għoli b'saqaf mibni nofs tond. Hawnhekk il-kostruzzjoni daqsxejn massiċċa ta' l-injam ġiet żarmata għar-restawr u minkejja l-umdità, nuqqas ta' ventilazzjoni u protezzjoni, Manuel sab li l-injam kollu tal-perspettiva għadu tajjeb tant li ser jiġi ttrattat, restawrat u poġġut mill-ġdid f'postu. U proprju f'dil-kappella, jiġifieri tar-Rużarju, xogħol il-pittur Erardi, fil-brix tal-ħitan inkixef li biċċa sew mill-bażi tal-ħitan ma hijiex mibnija iżda maqtugħa fil-blat. Barra minn hekk jekk wieħed iħares 'il fuq jilmaħ suffett ta' l-injam u dan qed jgħatti saqaf mibni b'sengħa, forma ta' troll. L-idea tiegħi hi li das-saqaf troll jinkixef u jintwera hekk, imma forsi hawn min għandu ideat oħra.

Nitilqu issa mis-sagristija għal ġol-pjazzetta ta' San Pawl u għal barra mill-kanċell ta' l-Ark. Kanċell kbir li ma jistax ikun li ma jiġix ammirat għax-xogħol tal-ferro battuto tiegħu li b'taħbil il-moħħ Manuel sforza biex isib kif aktarx kien id-disinn oriġinali tiegħu u li jirrifletti wkoll dak tal-bieb tal-ġenb tas-Santwarju.

Nibqgħu sejrin matul il-ħajt daqsxejn għoli li reġa' nbena kif kien, qabel ma twaqqa' fis-seklu l-

---

*Ritratt fuq: L-ewwel tliet imħażen taħt il-kmamar tal-Pellegrini kif jidhru mill-fetħa fit-taraġ.*




*Id-data 1738 minquxa fuq il-faċċata fid-daħla prinċipali tal-Madonna Tal-Għar t'isfel*

ieħor u b'hekk huwa ġab lura l-ispirtu ta' monastiċità fil-bitħa ta' warajh. Jekk ngħaddu maġenb dal-ħajt min-naħa ta' barra ninżlu mit-taraġ li fit-tarf tiegħu jwassalna għal skoperta oħra. Hawn isfel tinsab serje ta' mħażen li fuqhom huma mibnija l-kmamar magħrufa tal-Pellegrini u li tidħol għalihom mill-pjazzetta ta' fuq. Dawn issa qegħdin jitnaddfu u jitqaxxru sakemm eventwalment jiġu rrestawrati. Il-preżenza tagħhom kienet u hi magħrufa minn kulħadd, iżda ftit huma dawk li forsi rawhom minn ġewwa u kif inhuma msaqqfin forma ta' troll u li l-bażi tagħhom hi parti qtugħ fil-blat u parti mibnija. Għandi għax nifhem li 'l quddiem dawn il-kmamar se jintużaw bħala mużew ta' Wirt Storiku Mellieħi.

Li huma antiki sew kulħadd jaf daqskemm huwa magħruf li dawn ġew mibnija u mwaqqa' diversi drabi. Fil-preżent jagħtu indikazzjoni li nbnew fis-seklu 17 però ma neskludix li ma setgħux inbnew qabel sew. Peress li dik id-daħla l-kbira matul it-taraġ, li kien imkaħħal magħhom, kienet 'il fuq mill-art ma setax jonqos li l-ilmijiet jinfexxu u jifqgħu bl-ilma tax-xita l-ewwel kamra. Haffer minn hawn u aqla' minn hemm, Manuel sab il-kanal oriġinali li, bis-sens komun ta' missirijietna, kien ferm aktar 'l isfel mil-livell tal-qiegħa, u b'hekk illum jekk jinżel l-ilma dan jibqa' għaddej minn taħt mingħajr ħsara.

Wara li naqsmu t-triq għall-Grotta t'isfel ma jistax jaħarbilna l-bieb tal-ġebel tad-daħla restawrat reċentement. Hawn fit-tindif tiegħu Manuel skopra li fuq kull pilastru kien hemm minquxa għal tliet darbiet id-data 1738, x'aktarx is-sena tal-binja tiegħu.

Min għandu l-ħajra u l-kuraġġ jinżel l-74 tarġa, u ma jinsiex li jrid jerġa' jitlagħhom, jara l-aħħar kxif ta' Manuel fil-ħitan. Dawn tneżżgħu mill-ħafna tikħil u żebgħat li kellhom jiksuhom u issa qed juruna numru kbir ta' graffiti li l-biċċa l-kbira tagħhom huma tinqix ta' slaleb, drawwa antika tal-pellegrini tal-qedem li kienu jridu jħallu tifkira tanġibli tal-vista tagħhom, spiss akkost ta' sagrifiċċji kbar.

Il-Grotta ta' isfel nett hija magħrufa għall-istatwa tal-ġebel tal-Madonna u barra minn hekk, għall-għar innifsu u l-mina jew mini, li magħhom hija marbuta l-leġġenda tas-Seba' Tfajliet li għebu.



*Manwel jaħdem fuq l-injam fil-Kappella tar-Rużarju fis-Santwarju*

Barra dawn iż-żewġ mini Manuel sab passaġġ twil ieħor fuq ix-xellug kif tidħol, aktarx imħaffer fi żmien il-Kavallieri, jekk mhux qabel, għall-ħażna ta' l-ilma u ieħor ferm irqaq fir-rokna, faċċata ta' l-istatwa, li kien jirċievi u jferra' għal ġol-wied ta' taħt l-ilmijiet li, fil-passat, kienu jgelglu 'l hawnhekk.

Nixtieq nagħlaq billi nsellem lill-ħabrieki Kappillan Dun Karm Tanti li kontinwament kien il-mutur, biex insejħulu hekk, ta' dal-proġett jew proġetti ta' restawr ferm estensiv tal-kumpless kollu tas-Santwarju u l-inħawi tiegħu. Jalla Manuel u sħabu, li diversi drabi tant jaħdmu volontarjament, ikomplu jsibu l-paċenzja li mingħajrha ma kien isir xejn.